MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Numru 1067/2010

**ILLUM 9 ta' Ottubru 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Elton Taliana)
vs
Joseph Muscat

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 476085(M);

Akkuzat talli fit-12 ta' Awwissu 2010 u fil-granet ta' qabel minn Triq Ganu Birkirkara, kkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Daihatsu Charade bin-numru tar-registrazzjoni HBC 797 ghad-dannu ta' Josef Delicata, liema serq ma jkunx izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (2329.37 Ewro) u kkwalifikat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Il-Qorti kienet mitluba titratta mal-imputat Joseph Muscat bhala ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghal reati b'sentenza ta' reati Maltin, liema sentenza saret definittiva.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni, f'liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha:

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni titratta serq ta' vettura li nghad tiswa' 400 Euro.

Fil-kors tal-proceduri gie nominat ufficjal tal-Probation biex jestendi rapport dwar jekk l-imputat kienx jikkwalifika ghal servizz fil-komunita in alternattiva ghall-prigunerija.

Ir-rapport gie pprezentat u mahluf b'rakomandazzjoni li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation u Servizz bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kap 446.

Il-Qorti tikkondividi u tabbracja r-rapport.

Issib lill-imputat hati fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tieghu. Rat l-Artikolu 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280, 49 u 50 tal-Kap 9;

Tiddeciedi li tapplika l-Artikolu 18 tal-Kap 446 filwaqt li tordna li l-imputat jaghmel mitt siegha xoghol fil-komunita u tpoggi lill-imputat taht sorveljanza ta' ufficjal tal-Probation ghal tlett snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------